Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 9**

**Data:** Il-Ħamis, 29 ta' Settembru 2022
**Ħin:** 17:30
**Post:** Sala, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Binja tal-Gvern l-Lokali, il-Marsa

**Preżenti:**
Is-Sur Mario Fava – President
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Anthony Chircop – Membru
Is-Sur Clifford Galea Vella Maslennikov – Membru
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru
Is-Sur Charles Bonello – Membru
Is-Sur Stephen Sultana – Membru
Is-Sur Steven Axisa – Membru

**Attenda Online:**
Dr. Samuel Azzopard – Viċi President

**Skużat**
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Max Zammit – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**9.1 Ittri ta' apoloġija**

9.1.1 Il-President informa li s-Sur Max Zammit u Chev. Paul Farrugia talbu li jkunu skużati minħabba impenji personali. Filwaqt li minħabba impennji ġewwa Għawdex, Dr. Azzopardi talab li jidħol għal-laqgħa permezz ta' Zoom.

9.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi, l-Eżekuttiv qabel li is-Sur Zammit u Chec Farrugia għandhom jitniżlu bħala skużati.

**9.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 8**

9.2.1 Il-President preżenta l-minuti hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

9.2.2 Fuq proposta ta-President issekondata mis-Sur Stephen Sultana, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**9.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 9**

9.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi u s-Sur Clifford Galea Vella, ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-24 t' Awwissu 2022 u d-29 ta' Settembru 2022 li kienet tammonta għall-€266,998.04.

**9.4 Punti maħruġa mill-Minuti Laqgħa Nu 8**

| | |
|---|---|
| **9.4.1 Laqgħa Plenarja** | Il-President semma li għaddejjin il-preparamaneti u sa nofs Otturbu ser jinħarġu r-reġistrazzjonijiet. |
| **9.4.2 Sejħa għall-AEDs** | Il-President talab lil dawk ir-Reġjuni interessati li jerġgħu jkunu parti minn din is-sejħa għandhom jibgħatu l-interess tagħhom kif ukoll il-kwantita' li għandhom bżonn sa mhux aktar tard mill-aħħar t' Ottubru 2022. |
| **9.4.3 Seminar – Planning Development Fund** | Il-President semma li għaddejjin bil-preparazzjonijiet għal dan il-Business Breakfast. Semma li ser ikun hemm ukoll l-involviment tal-Onor. Alison Zerafa Civelli kif ukoll tal-Onor. Stefan Zrinzo. Semma wkoll li waqt din il-laqgħa ser ikun ukoll ikkommemorat il-Pink October. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**9.4.4 Finance and Bookkeeping Training**

Il-President informa li għal dan it-taħriġ li sar fuq tliet ijiem, kien hemm attendenza tajba ta' Segretarji eżekuttiv u ħaddiema tal-Kunsilli Reġjonali/ Lokali. Il-President semma li l-Assoċjazzjoni fil-jiem li ġejjin ser tkun qed tikkordina u tippjana l-programm ta' taħriġ għal matul is-sena 2023.

**9.4.5 Żjara mill-President tal-Kungress Ewropew – Lulju 2022**

Il-President semma li d-Diviżjoni ser tkun qed tagħti 5% lura tal-ispejjeż li saru għal din l-attivita'.,minkejja li l-Assocjazzjoni kienet imweghda tal-inqas nofs l-ispejjes li saru. Huwa qal li minkejja kollox, kienet esperjenza tajba fejn l-Assocjazzjoni kellha cans titkellem fid-dettal dwar mall-President tal-Kungress, dwar il-funzjoni tal-Kunsilli Lokali u Regjonali gewwa Malta.

**9.4.6 Kontoll ta' traffiku ħdejn l-iskejjel**

Il-President semma li kienet intalbet l-informazzjoni mill-Kunsilli Lokali li kellhom din l-isfida. Is-Sur Anthony Chircop talab li jkun utli jekk ir-Reġjun ikollu viżibbilita' ta' din l-informazzjoni ħalli bħala Reġjun ikun jista' jassisti fejn huwa possibbli. Il-President qabel ma' dan u l-istess korrispondenza ser tintbghat lir-Regjuni.

**9.4.7 Chief Coordinator COE/ COR**

Il-President semma li l-Board il-ġdid kien ikkonkluda u l-proċess qiegħed fi stand still period.

**9.4.8 Parkeġġi tal-GOTO**

Il-President semma li l-AKL kienet ikkomunikat ma' TM sabiex issiru diskussjonijiet anki mal-Kunsilli Lokali qabel ikun hemm assenjar tal-parkeġġi tal-GOTO qabel jingħataw lil Bolt sabiex jintużaw mill-escooters. Is-Sur Charles Bonello semma li għandu wkoll ikun hemm diskussjoni sabiex l-infratruttura ta' charging pillars tkun waħda aktar moderna. Kien hemm qbil dwar dan.

## 9.5 Komunikazzjoni mill-President

**9.5.1 Permessi għall-Gabbani u permessi oħra**

Il-President semma li kien hemm laqgħa bejn l-AKL, ANSEK u anki Diviżjoni għall-Gvern Lokali sabiex jibda proċess ta' konsultazzjoni fuq emenda leġislattiva għall-permessi maħruġa mill-Kunsilli Lokali speċjalment permessi tal-gabbani. Il-President semma li dan il-proċess kien diġa beda u kien hemm grupp ta' Sindki, Kunsilliera u anki Presidenti Reġjonali li suppost kienu ser jibdew jiltaqgħu sabiex isir dan il-proċess. Il-

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

President semma li dan qatt ma beda ghaliex is-sindki li wrew interess li jkun f' dan il-working group ma ltaqghu qatt biex jibdew dan il-process. Għaldaqstant ser ikun qed jara li dan il-proċess issa jibda u jitkompla. Semma li ladarba jkun hemm qafas ta' document ghall-kunsultazzjoni, issir konsultazzjoni anki mal-Presidenti Reġjonali u Sindki.

**9.5.3 Victims Support Agency**

Il-President semma li kien hemm laqgħa mal-entita' imsemmija u kien konkluż li għandu jkun hemm aktar kollaborazzjoni bejn l-Aġenzija u l-Kunsilli Reġjonali u dawk Lokali. Semma li qed jesploraw il-possibbilita' li fil-futur ikun hemm ukoll hubs Reġjonali sabiex jagħtu assistenza ' ħinijiet meta s-servizzi jkunu magħluqin. Semma li ser ikun qed jara l-possibbilita' li ssir sessjoni ta' informazzjoni fix-xhur li ġejjin.

**9.5.4 MIEMA**

Il-President semma li l-AKL kellha laqgħa mal-MIEMA sabiex possibbilment l-AKL tikkollabora u tkun parti mill-Board tal-MIEMA sabiex jassistu lir-Reġjuni u lill-Kunsilli Lokali sabiex jksbu fondi mill-Ewropa.

**9.5.5 Covenant of Mayors**

Il-President semma li s-Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jiltaqa' ma' rappreżentanti ta' CEMR nhar il-5 t' Ottubru ġewwa Brussel sabiex isir l-iffirmar tal-ftehim bejn l-AKL u Covenant of Mayors sabiex possibbilment jiġu Malta għall-Plenarja tal-AKL ġewwa Għawdex.

**9.5.6 Rotta tal-Feniċi**

Il-President li l-AKL kienet mistiedna sabiex tattendi l-AGM tal-proġett imsemmi. Semma li huwa qe djagħddi l-istedina lir-Reġjuni sabiex jara jekk hemmx xi ħadd interessat li jattendi. Semma li minħabba impennji oħra fl-istess żmien l-AKL mhux ser tkun tista' tattendi. Semma li min huwa interessat għandu jinforma lill-AKL sal-għada. L-għażla kienet ser tkun fuq first come first served basis jekk ikun hemm aktar mir-Reġjun wieħed interessat.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**9.5.7 PQ Encrochment**

Il-President semma li intbgħatet PQ fuq encrochements li l-Kunsilli għandhom ma' l-INDIS. Semma li kienet imwieġba wkoll fil-ħin min-naħa tal-AKL.

**9.5.8 Hospice Malta**

Il-President semma li wara li l-AKL preżentat id-donazzjoni miġbura waqt l-BBQ tas-sajf organizzat mill-AKL, Hospice Malta wrew xtaqu li tinbeda kollaborazzjoni dejjiema mal-Kunsilli Lokali. Il-President semma li jixtiequ li l-Kunsilli permezz tal-vetturi elettriċi li għandhom ikunu jistgħu jassistu sabiex diversi persuni li qed jieħdu kura mill-Hospice ikunu jistgħu jmorru ċ-ċentru. Il-President semma li ser jiġu ddentifikati ż-żoni fejn hemm bżonn din l-għajnuna u wara tinbgħat komunikazzjoni lill-Kunsilli Lokali sabiex jiddikjaraw l-interess tagħhom f' din l-inizjattiva jew mod ieħor.

**9.5.9 Binja AKL**

Il-President semma li kien reġa' talab lil Indis update ta' fiex kienet waslet l-applikazzjoni tal-AKL sabiex il-Binja tingħata b' ċens jew kera fit-tul. Semma li kien hemm wieghda verbali li l-kera kellha tigi estiza ghal 20 sena.

**9.5.10 Kunsill Lokali tal-Belt Valletta**

Il-President semma li l-AKL kienet ġiet notifikata li kien hemm diżgwid bejn l-amministrattiv u ħaddiem tal-CWFS. Tenna li qed jirraporta dan minhabba li l-Assocjazzjonijiet irciviet korrispondenza mis-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill u ghaldaqstant hass li kellu jinnotifika lil dawk prezenti b' dan.

**9.5.11 Ħlas ta' taħriġ/ Depożitu għall-taħriġ / Inizjattivi offruti mill-AKL**

Il-President semma li minkejja li l-AKL torganizza diversi sessjonijiet ta' taħriġ, jinstab urtat kif minkejja li jirrepistraw diversi nies jispiċċaw ma jattendux. Semma xi lokalitajiet u persuni bhala ezempju. Fid-dawl ta' dan, il-President propona li għandu jibda jintalab depozitu ghal kull attivita li jekk wieħed jattendi jingħata lura d-depożitu lill-Kunsill u jekk le, l-AKL iżomm id-depożitu. Il-Kunsilli ghandhom jaraw li f' kaz li rapprezentat tahhom ma jattendix, dan l-istess depozitu ghandu jintalab sabiex jigi mhallas lura lil Kunsill mill-individwu.

**9.5.12 Laqgħa Infrastruttura Malta**

Il-President semma li kellu laqgħa ma' Infrastruttura Malta u ma' CEO. Semma li jidher li hemm rieda li jkun hemm komunikazzjoni effettiva mal-Kunsilli Lokali. Semma li ser ikun organizzat min-naħa ta' IM, business breakfast għall-Kunsilli Lokali fejn ser ikun diskus sil-Business Plan ta' IM.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

Semma fil-jiem li gejjin ghandu laqgha mall-Ministru ghat-trasport sabiex fost hwejjeg jiddiskutu r-rapportl I ghandu jkun hemm bejn il-Kunsilli Lokali u l-Agenziji u Entitajiet li jaqghu that il-Ministeru tieghu, fosthom TM.

**9.5.13 Kunsilli Lokali Gżira**

Il-President semma li l-AKL kienet ikkupjata b' rapport mibgħut mis-Segretarju Eżekuttiv rigward allegat ksur ta' kodiċi tal-etika. Dan kien qed jingieb ghall-attenzjoni tal-Ezekuttiv bhala informazzjoni.

**9.5.14 Social Impact Assessment**

Il-President semma li diġa saru diversi laqgħa ma' entiatjiet differenti sabiex jgħinu fil-kitba ta' Social Impact Assessment fuq bażi Reġjonali. Il-President staqsa kienx għadd hemm l-interess li tinħareġ sejħa waħda simili għar-Reġjuni. Reġjun il-Lvant, Punent u anki l-Port qablu li jkomplu mixja flimkien.

**9.5.15 European Mobility Week**

Il-President semma artiklu li deher f' ġurnali lokali u li hu ħass li dan l-artiklu ma kienx ġust minħabba li kien implikat li kienu żewġ Kunsilli biss li organizzaw attivitajiet marbuta mal-European Mobility Week. Il-President spjega li huwa kien baghat komunikat lil TM minħabba l-fatt li bhala AKL kien ilna nsostnu li applikazzjonijiet għandhom jinħarġu xhur qabel u mhux fl-aħħar ftit ġimgħat tas-sajf. Dan qed iwassal li l-Kunsilli ma jkollhomx zmien edekwat sabiex minn meta jkunu maghrfa li hadu l-fondi, jkunu jistghu jorganizzaw l-attivita proposta. Kienghalhekk li hafna kunsilli ma hadux sehem b' mod attiv u mhux ghax ma urewx interess.

9.5.16 Is-Sur Jesmond Aquilina talab li jkun skużat mil-laqgħa fis-18:27

**9.5.17 Pjazza Teatru Rjal**

Il-President semma li kien irċieva stedina mit-Teatru Rjal sabiex wiehedd jiddiskuti kif dan flimkien mal-AKL u r-Reġjuni jkun hemm aktar kollaborazzjoni fuq bażi Lokali. Semma li fil-jiem li ġejjin ser ikun hemm laqgħa dwar dan.

**@9.5.18 Sejħa Pubblika - Pergola**

Il-President propona li tinħareġ sejħa għall-pergola għal fuq il-bejt tal-binja. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi, l-Eżekuttiv approva din il-proposta b' budget ta' madwar €20,000.

**9.5.19 Kwotazzjonijiet għal outdoor furniture**

Il-President propona li jinġabbru kwotazzjonijiet għall-outdoor furniture sabiex issa li l-Green Roof lest ikun jista'

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

jibda jintuza'. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi, l-Eżekuttiv approva din il-proposta. Il-President irrimarka li l-Assocjazzjoni m' ghandhiex bilfors tmur ghal orhos offerta minhabba li rridu naraw li l-materjal ikun wiehed tajjeb u rezistenti ghall-elementi tan-natura. Kien hemm qbil dwar dan, illi wiehed ghandu ohares lejn il-valur skont l-esigenzi tac-cirkostanzi li fihom se tintuza din l-ghamara.

**9.5.20 Local Democracy Week**

Il-President semma li nhar 22 t' Ottubru ser issir konferenza b' involvement tal-European Local Democracy fi ħdan COE kif ukoll Placemaking Europe. Semma li din l-attivita' qed issir b' kollaborazzjoni ma' diversi entajiet u li għaliha l-AKL kienet estimate €5,000 apparti l-organizazzjoni tal-Press Conference. Din l-attivita' qed tinghata pubblicita fuq media socjali u websites tal-Kummissjoni kif ukoll tal-Kungress.

**9.5.21 Konferenza BioWaste - Brussel**

Il-President semma li l-AKL kienet mistiedna sabiex tattendi għall-konferenza ġewwa Brussel. Semma li minħabba impennji oħrajn l-AKL ma stetatx tattendi u estendiet l-istedina lir-Reġjun Nofsinhar sabiex ikun jista' jattendi l-Uffiċjal Maniġerjali tal-Immaniġjar tal-iskart.

**9.5.22 Bdil ta' isem ta' Triq ġewwa Ħal-Qormi**

Il-President semma li l-AKL intalbet tassisti sabiex tiffaċilita' l-komunikazzjoni bejn il-Kumitat għall-ismijiet tat-toroq u l-Kunsill Lokali ta' Ħal-Qormi. Dan wara li l-Kunsilli ħa deċiżjoni li jbiddel isem ta' parti minn triq u r-residenti kellhom riżervi b' dan it-tibdil. Il-Bord eventwalment zamm mad-decizjoni orginali tieghu u ma riedx jirrevoka l-istess decizjoni.

**9.5.23 CIES**

Il-President semma li kienu intbgħatu diversi komunikazzjonijiet lid-Direttorat ta' l-Iskemi fi ħdan id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali sabiex ikun hemm direzzjoni jekk hux il-kuntratti ta' ħaddiema taħt l-iskema ta' CIES u qegħdin impjegati mal-AKL, hux ser jerġgħu jingħataw fondi għas-salarju tagħhom.
Il-President semma li minkejja id-diversi tifkiriet li intbgħatu li l-kuntratt ta' dawn il-ħaddiema ser ikun qed jiskada fi ftit ġimgħat, l-AKL għadha ma rċiviet l-ebda direzzjoni.

**9.5.24 Korrispondenza mibgħutha mill-AKL lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali**

Il-President irrefera għal diversi komunikazzjonijiet li l-AKL qed tibgħat lid-Diviżjoni u tibqa' mingħajr risposta. L-Eżekuttiv semma li kemm ir-Reġjuni kif ukoll il-Kunsilli Lokali

qed iħossu li hemm nuqqas ta' kompetenzi fid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u dan qed iwasssal sabiex il-Kunsilli ma jinqdewx kif inhu xieraq u jkun hemm dewmien kemm fil-komunikazzjoni kif ukoll sabiex jittieħdu deċiżjonijiet.

**9.5.25 FITA**

Il-President semma li l-AKL bdiet diskussjonijiet mal-FITA sabiex jibda proċess sabiex il-Website tal-AKL tkun aċċessibbli għall-persuni neqsin mid-dawl. Il-President semma li permezz tal-esperti fi ħdan il-FITA jkun anki jista' jitfassal dokument ta' linji gwida, fejn eventwalement il-website tal-Kunsilli Lokali jkunu jistgħu jsegwu dan l-iżvilupp.

**9.5.26 Komunikazzjoni NAO**

Il-President semma li l-AKL irċeviet komunikat mill-NAO bħala rikonoxximent għat-taħriġ ta' book-keeping u finanzi li ingħata mill-AKL għall-ħaddiema ta-Kunsilli Reġjonali/ Lokali.

**9.5.27 Laqgħa mal-Awtorita' tal-Artijiet**

Il-President semma li l-AKL kellha laqgħa mal-Awtorita' tal-Artijiet. Semma li primarjament ġew diskussi tliet punti : rati kummerċjali ta' devoluzzjoni li qed jitħallsu wkoll mill-Kunsilli Lokali, żvilupp ta' spazji miftuħa mingħajr bżonn ta' devoluzzjoni kif ukoll il-problema ta' dewmien essaġerat sabiex il-Kunsilli Lokali jingħataw no objection mill-Awtorita' anki sabiex japplikaw għall-iskemi. Ghandha ssir laqgha mall-Kap Ezekuttiv biex dawn is-suggetti jigu diskussi f' aktar dettal.

**9.5.28 Green Deal Award**

Il-President informa li l-AKL kienet applikat bil-proġett Slow Streets.

**9.5.29 Press Call Swieqi**

Il-President semma li l-AKL appoġġjat l-istqarrija maħruġa mill-Kunsill Lokali ta' Swieqi fejn hemm qbil li f' lokalitajiet urbani li m'ghandhom l-ebda pulmun t' arja, jigi kkunsidrat li l-Gvern jibdel jew jixtri plots zghar sabiex flokk jigu zviluppati, jinbidlu fi spazju miftuh. Tenna li weihed irid jara' l-valur tal-propjeta' u li l-proposti li jitressqu jkunu vijabli finanzjarjament ghal Gvern.

**9.5.30 Seduta Parliament tal-Anzjani**

Il-President semma li kien attenda seduta tal-Parlament tal-Anzjani u semma wkoll li kien għamel id-diskors tiegħu waqt din is-seduta dwar kemm l-anzjani jistgħu xorta wahda jibqghu jikkontribwixxu ghat-thaddim tad-demokrazija lokali billi jibqghu attivi fis-socjeta u jkunu

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

parti mid-decizjonijietli jiehdu l-kunsilli rispettivi taghhom.

| | |
|---|---|
| **9.5.31 Kunsill Reġjonali ta' tfal** | Il-President semma li l-AKL kienet bagħtet komunikazzjoni lil The Malta Foundation for the Wellbeing of Society sabiex wieħed jara fiex kien wasal il-proċess tal-Kunsill Reġjoanli ta' tfal. Il-President fakkar li l-aKL kienet tat is-somma ta' €10,000 bħala kontribuzzjoni għal dan il-proġett. |
| **9.5.32 Invit mill-Assoċjazzjoni ġewwa Isreal** | Il-President semma li l-AKL kienet irċeviet stedina għall-President u l-Viċi President Affarjiet Internazzjonali sabiex jattendu għal MUNIworld Expo. Huwa qal li ser jara' kemm ser tigi tiswa l-ispiza minhabba li l-budget ghas-safar tal-Assocjazzjoni ghal din is-sena kwazi ntlahaq kollu. |
| **9.5.33 Festin AKL għat-tfal** | Il-President semma li l-festin ser isir nhar 13 ta' Diċembru 2022. Semma li għaddejja komunikazzjoni ma' Dr. Klown sabiex waqt din l-attivita' jkunu jistgħu jinġabru fondi għal din l-NGO.<br>Il-President semma li inġabret kwotazzjoni għar-rigali li ser jitqasmu. Semma li kull Membru Elett jew ħaddiem huwa intitolat li jġib tifel/tisla waħda b' xejn, imma ser ikun hemm ħlas ta' €20 għat-tieni persuna jew aktar.<br>Semma li ċ-ċirkulari ser toħroġ għall-aħħar t' Ottubru 2022. |
| **9.5.34 Festin tal-Milied AKL** | Il-President semma li l-kwotazzjonijiet kienu miġbura u li l-attivta' nhar 17 ta' Diċembru kienet ser issir ġewwa l-Limestone Heritage. Il-President semma li kienu qed jinġabru kwotazzjonijiet għall-affarjiet tal-Milied li ser ikunu qed jitqassmu lill-Kunsilliera kif ukoll lill-ħaddiema tal-Kunsilli Lokali. Ingabru wkoll kwotazzjonijiet fuq it-tizjin ta' barra u gewwa l-ufficcini. |
| **9.5.35 Korsijiet ta' taħriġ AKL 2023** | Il-President semma li l-AKL bdiet taħdem fuq ġabra ta' taħriġ li ser ikunu offrut matul is-sena 2023. Il-President semma li fost it-taħriġ ser ikun hemm taħriġ ta' kif wieħed ikteb Malti tajjeb kif ukoll il-Mental First Aid. Il-President stieden lill-Eżekuttiv sabiex min ikollu ideat ta' taħriġ ieħor li jista' jiġi offrut għandu jagħddihom lill-AKL. |
| **9.5.36 Tiżjin tal-Milied** | Il-President semma li kienet inġabret kwotazzjoni kif ukoll id-disinn sabiex tiġi għarmata il-faċċata tal-Binja għal żmien il-Milied. Il-President semma li ser ikunu qed jaraw x' għarmar hemm bżonn għal ġewwa tal-uffiċini. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**9.5.37 Xogħlijiet fuq il-parti ta' wara tal-bitħa.**

Il-President semma li s-sena d-diehla ser ikunu qed jibdew ix-xogħolijiet ta' fuq wara tal-binja. Semma li ser ikun ukoll qed jinfetaħ bieb fuq wara tal-binja sabiex ikun hemm aċċess għall-parkeġġ.
Semma li jrid issir gypsum fl-aħħar żewġ soqfa tal-uffiċini.

**9.5.38 Sejħa Pubblika għal-lift fil-Binja**

Il-President semma li sa l-aħħar tas-sena ser tlun qed toħroġ is-sejħa pubblika għal-lift fil-Binja tal-AKL.

**9.5.39 30 Sena ta' Gvern Lokali**

Il-President propona li bħala parti mill-attivitajiet u inizjattivi ta' 30 nsena ta' Gvern Lokali, l-AKL ser tiddisinja logo sabiex ikun ikkommemorat dan l-anniversarju u liema logo jibqa' jintuża' matul is-sena kollha fuq stationary, u materjal iehor ippublikat mill-Assocjazzjoni.

Semma li tnedija ta' dan il-logo ser issir waqt il-Laqgħa tas-Sindki nhar 5 ta' Novembru 2022.
Il-President semma li bħala waħda mill-inizjattivi b' kommemorazzjoni ta' dan l-Anniversarju, inbeda proċess mal-Kunsilli Lokali fejn kull Kunsill Lokali irid jinnominja sinifikat mill-lokal li dan jiddefinixi lill-lokalita'. Dawn ir-ritratti, diġa hemm ftehim sabiex jiġu esebiti fir-Reġjun tal-Lombardija gewwa Pirelli Building, fejn ser ikunu esebiti sabiex fil-foyer, fejn dawk kollha li jzuru l-binja, fosthom student tal-iskejjel tar-regjun, ikunu jistghu izuru din il-wirja. Dan hija l-ewwel inizjattiva fattwali li originat mill-vizita tal-Assocjazzjoni gewwa r-Regjuni bhala bidu ta' kollaborazzjoni bejn Malta u l-istess Regjun.

**9.5.40 Intervisti Segretarji Eżekuttivi**

Il-President semma li suppost daqt ikun hemm konklużjoni fuq kif wieħed jista' jipproċedi bl-intervisti tas-Segretarji Eżekuttivi. Tenna li s' issa l0unika informazzjoni li ghandu hija li 'dalwaqt wasalna'. Huwa tenna l-pozizzjoni tal-Assocjazzjoni li l-intervista li tiddeterimna jekk persuna tigix ingaggata jew le ma' Kunsill, trid issir mill-kunsill, Filwaqt li qal ukoll li anki s-sejha ghal vakanza ghandha tinhareg mill-Kunsill Lokali rispettiv.

**9.5.41 Ġbir ta' skart organiku minn stabbilimenti tal-ikel fi tmiem il-ġimgħa.**

Il-President semma li qed isiru diskussjonijiet sabiex dan il-ftehim jiġi mġedded għal sitt xhur oħra, hekk kif jippermetti it-tender stess. Il-President semma li mil-laqgħat li kien hemm il-ġabra trid issir fuq tliet ijiem fil-ġimgħa jew il-jumejn jinqasmu u ma jibqgħux fi tmiem il-ġimgħa. Dan

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

sabiex aktar stabbilimenti jiġu inkoraġġati sabiex jipparteċipaw f' dan il-proġett pilota.

| | |
|---|---|
| **9.5.42 Estensjoni ta' sejħiet pubbliċi** | Il-President semma li l-AKL kienet f' komunikazzjoni sabiex jiġġeddu l-kuntratti tal-poloz tal-Assigurazzjoni kif ukoll tal-Kontroll tal-Ħamiem.<br>Il-President semma li is-Segretarju Permanenti għall-Gvern Lokali kienet approvat li jerġgħu jingħataw fondi għall-kontroll tal-ħamiem sabiex il-proġett jittawwal bi tnax-il xhar. |
| **9.5.43 Proġett LIFE** | Il-President semma li l-AKL intalbet li tkun parteċipi fi proġett LIFE li minnhom wieħed jista' jibbenifika 1.5 miljun u li jkun implimentat bejn is-sena 2024 u s-sena 2025. Semma li l-AKL laqgħet it-talba tal-Ministeru tal-Ambjent li qed jikkordina dan il-proġett sabiex indaħħlu l-miżuri tal-istudju Slow Streets sabiex jibdew jiġu implimentati. |
| **9.5.44 Compose+** | Il-President semma li wara li l-AKL issottomettiet applikazzjoni mal-Board tal-Ko-finanzjament, kien ġie kkomunikat li l-applikazzjoni kienet eliġibbli u għaldaqstant, l-AKL ibbenifikat mill-fondi ta' kofinanzjament. |
| **9.5.45 Rapport - Lombardija** | Il-President preżenta rapport for iż-żjara li kellu fir-Reġjun tal-Lombardija. Rapport anness u mmarkat bħala Dok A. |
| **9.5.46 Alternative Road Surfaces for Noise Reduction - ERA** | Il-President preżenta l-pożizzjoni tal-Assoċjazzjoni wara li kienet ikkonsultata mar-Reġjuni. Semma li kien hemm diversi Reġjuni li permezz tal-Uffiċjal Ambjentali bagħtu l-kummenti min-naħa tar-Reġjun u li ġew inklużi fid-dokument preżentat. Kopja tal-proposti min-naħa tal-AKL tinstab annessa u mmarkata bħala Dok B. |
| **9.5.47 E-Scooters** | Il-President semma li għadhom għaddejin bid-diskussjonijiet. Fakkar li l-AKL kienet ukoll għamlet il-proposti tagħha fuq din il-materja. Dokument tal-proposti annessi u mmarkat Dok Ċ. |

**9.6 Affarjiet oħra**

9.6.1 Is-Sur Charles Bonello semma li jinstab urtat għal mod ta' kif qed jiġu trattati l-Oppożizzjoni fejn jidħol il-qasam tal-Gvern Lokali. Semma li bħala rappreżentant tal-Partit Nazzjonalista, il-Partit u lanqas Uffiċjali mill-Partit m'huma jiġu ikkonsultati fuq xejn fejn jidħol il-qasam tal-Gvern Lokali. Semma li kien biss mill-aħabarjiet li saru jafu bil-ftehiem li kien qed isir ma' diversi Kunsilli Lokali sabiex jibbenifikaw minn skema ta'

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

knies fil-lokalitajiet rispettivi. Semma li din in-nuqqas ta' komunikazzjoni u konsultazzjoni qed turta ħafna nies.

9.6.2 Fuq l-istess suġġett il-President tal-Assoċjazzjoni semma li lanqas huwa ma kien konsultat u ma ġie kkomunikat, semma li huwa ġie notifikat biss nhar 19 ta' Settembru li fi żmien ftit jiem kien ser ikun iffirmat dan il-ftehiem. Semma li huwa ma jaqbilx li s-Sindki jabbdikaw mir-responsabbilita' tagħhom u jiddelegaw ir-responsabbilitajiet tagħhom lill-entiatjiet oħrajn centrali Semma wkoll li huwa insista li dan il-ftehiem ma jkunx wieħed fit-tul, tant li dak iffirmat ghandu terminu ta' sitt xhur.

9.6.3 Il-President irrefera għal-laqgħa preċidenti tal-Eżekuttiv, fejn kien hemm id-dibattitu bejn l-Eżekuttiv fuq it-tnedija ta' starteġija għall-Gvern Lokali. Semma li jixtieq jagħmilha ċara li anki wara li kellu laqgħa mas-Segretarju Parlamentari, l-Onor Zerafa Civelli kien ikkonfermat li l-email li qed jintuża sabiex jinfurmaw lill-President tal-AKL kien wieħed li huwa ma jużax u għaldaqstant għalhekk baqa' jsostni li huwa ma rċieva l-ebda stedina għat-tnedija. Semma li minkejja li huwa bħala President tal-AKL attenda għal din it-tnedija xorta waħda għamel ir-rimarki tiegħu li bħala Assoċjazzjoni lanqas biss ġiet imqar imsemmija wisq anqas rikonoxxuta fil-kitba tad-dokument tal-istrategija. Huwa qal li l-Assocjazzjoni se tippartecipa fid-diskussjonijiet li se jsiru dwar din ir-riforma u anki se thejji document sabiex jigi diskuss u jservi bhala bazi ta' diskussjoni fil-laqgha tas-Sindki u dik Plenarja.

**9.7 Aġġornament**

9.7.1 Il-Laqgħa aġġornat fit-tmienja u nofs ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' it-Tlieta, 18 t' Ottubru 2022 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.10 li nżammet nhar it-Tlieta, 18 t' Ottubru 2022 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

**Mario Fava**
**President**